**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN 13 TA’ MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 1229/01 AJD**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Kevin Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Ottubru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm155.66), rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.
Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Vanessa Borg, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u

jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u hamsa u hamsin lira Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm155.66), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**